MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 701/2011

GO p.l.c. (C-22334).

Vs

Margaret Ann Mckay (Passaport Malti numru 800219225MT).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ sitt mija u tnejn u hamsin ewro u hamsa u disghin centezmu (€652.95) minghand il-konvenuta, in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru A/C40098529 moghtija lilha mis-socjeta’ attrici. U peress illi l-konvenuta, minkejja diversi interpellazzjonijiet baqghet inadempjenti, kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta’ sitt mija u tnejn u hamsin ewro u hamsa u disghin centezmu (€652.95), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------